



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**



7508/1/08 REV 1 (Presse 70)

(OR. en)

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

L-2860 laqgħa tal-Kunsill

Agrikoltura u Sajd

Brussell, 17 ta' Marzu 2008

President

Is-Sur Iztok JARC

Ministru ta' l-Agrikoltura, il-Foresti u l-Ikel tas-Slovenja

L - I S T A M P A

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill, bi qbil mal-Kummissjoni, adotta konklużjonijiet unanimi dwar il-**"kontroll tas-saħħa"** tar-riforma tal-politika agrikola komuni.*

*Il-Kunsill adotta regolament li jżid il-kwoti nazzjonali tal-**ħalib** bi **2%** mis-sena tal-ħalib li jimss li tibda fl-1 ta' April 2008.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

KONTROLL TAS-SAĦĦA tar-riforma PAK - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	7
KWOTI TAL-ĦALIB	8
AFFARIJET OĦRAJN	10

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AGRIKOLTURA

– Kittien u qanneb - Estensjoni ta' l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni	13
– Kontrolli Uffiċjali fuq l-Għalf u l-Ikel	14

SAJD

– Ftehim bejn l-UE u l-Kosta ta' l-Avorju dwar sħubija fis-sajd	14
– Ftehim mal-Ginea Bissaw	15

POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

– Kosovo - grupp ta' ppjanar ta' l-UE	15
– L-Unjoni tal-Komoros - Miżuri restrittivi	16
– Promozzjoni tal-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' l-armi bejn pajjiżi terzi	17
– Afganistan - Missjoni tal-pulizija ta' l-UE (EUPOL AFGHANISTAN)	18

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali – Finlandja	18
--	----

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

POLITIKA SOĊJALI

- Sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*.....18

UNJONI DOGANALI

- Sistema ta' eżenzjonijiet minn dazji doganali – Modifiki19
- Rata fuq l-oġġetti li jinsabu f'konsenji jew fil-bagalji ta' vjaġġaturi20

TRASPORT

- Ftehim dwar servizzi ta' l-ajru mal-Marokk20

POLITIKA KUMMERĊJALI

- Ukraina – Dazji fuq l-esportazzjoni.....21
- Miżuri anti-dumping (kumpressuri – kokk tal-faħam - urea - boroż tal-plastik)21

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

- Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja - Miżuri restrittivi22

PARTEĊIPANTI

Il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea kienu rappreżentati kif ġej:

Belġju:

Is-Sur Kris PEETERS

Ministru-President tal-Gvern Fjamming u l-Ministru Fjamming tar-Riforma Istituzzjonali, il-Portijiet, l-Agrikoltura, is-Sajd fuq il-Baħar u l-Politika Rurali

Bulgaria:

Is-Sur Nihat Tahir KABIL

Ministru ta' l-Agrikoltura u l-Provvista ta' l-Ikel

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Petr GANDALOVIČ

Ministru ta' l-Agrikoltura

Danimarka:

Is-Sur Anders MIKKELSEN

Ministru ta' l-Ikel, l-Agrikoltura u s-Sajd

Ġermanja:

Is-Sur Horst SEEHOFER

Ministeru Federali ta' l-Ikel, l-Agrikoltura u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Estonja:

Is-Sur Helir-Valdor SEEDER

Ministru ta' l-Agrikoltura

Irlanda:

Is-Sinjura Mary COUGHLAN

Ministru ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel

Greċja:

Is-Sur Alexandros CONTOS

Ministru għall-Iżvilupp Rurali u l-Ikel

Spanja:

Is-Sinjura Elena ESPINOSA MANGANA

Is-Sinjura Pilar MERINO TRONCOSO

Ministru ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel
Ministru ta' l-Agrikoltura, il-Bhejjem, is-Sajd u l-Agrikoltura tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji

Franza:

Is-Sur Michel BARNIER

Ministru ta' l-Agrikoltura u s-Sajd

Italja:

Is-Sur Paolo DE CASTRO

Ministru tal-Politika Agrikola, Alimentari u Forestali

Ċipru:

Is-Sur Michalis POLINIKI CHARALAMBIDES

Ministeru ta' l-Agrikoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent

Latvia:

Is-Sur Mārtiņš ROZE

Ministru ta' l-Agrikoltura

Litwanja:

Is-Sinjura Kazimira Danutė PRUNSKIENĖ

Ministru ta' l-Agrikoltura

Lussemburgu:

Is-Sur Fernand BODEN

Ministru ta' l-Agrikoltura, il-Vitikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Ministru tan-Negozji Żgħar u Medji, il-Professjonijiet Liberi u dawk li Jaħdmu għal Rashom, it-Turiżmu u d-Djar

Ungerija:

Is-Sur József GRÁF

Ministru ta' l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Malta:

Is-Sinjura Theresa CUTAJAR

Deputat Rappreżentant Permanenti

Olanda:

Is-Sinjura Gerda VERBURG

Ministru ta' l-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità ta' l-Ikel

Awstrija:

Is-Sur Josef PRÖLL

Ministru Federali ta' l-Agrikoltura, il-Foresti, l-Ambjent u r-Riżorsi ta' l-Ilma

Polonja

Is-Sur Marek SAWICKI

Ministru ta' l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Portugall:

Is-Sur Jaime SILVA

Ministru ta' l-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u s-Sajd

Rumanija:

Is-Sur Dacian CIOLOŞ

Ministru ta' l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Slovenja:

Is-Sinjura Branka TOME

Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Agrikoltura, il-Foresti u l-lkel

Slovakkja:

Is-Sinjura Zdenka KRAMPLOVÁ

Ministru ta' l-Agrikoltura

Finlandja:

Is-Sinjura Sirkka-Liisa ANTILA

Ministru ta' l-Agrikoltura u l-Foresti

Svezja:

Is-Sur Eskil ERLANDSSON

Ministru ta' l-Agrikoltura

Renju Unit:

Is-Sur Jonathan SHAW

Sotto-Segretarju Parlamentari ta' l-Istat, l-Affarijiet tal-Baħar, il-Pajsaġġ u Rurali u Ministru għax-Xlokk
Segretarju tal-Kabinett għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Gvern Skoċċiż

Is-Sur Richard LOCHHEAD

Kummissjoni:

Is-Sinjura Mariann FISCHER BOEL

Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

KONTROLL TAS-SAĦĦA tar-riforma PAK - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-"Kontroll tas-Saħħa" tar-riforma PAK¹.

Xi ministri ħadu l-opportunità biex jissottolinjaw punti ta' importanza partikolari għall-istat membru tagħhom. Il-Presidenza indikat li l-fehmiet kollha kienu ġew innotati u li d-dikjarazzjonijiet bil-miktub kienu ser jiġu inklużi fil-minuti tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tippreżenta pakkett legiſlattiv, fil-laqgħa informali tal-Kunsill fi Slovenja fis-27 ta' Mejju.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jistgħu jinstabu fid-dokument [7150/08](#).

¹ LV u CZ indikaw l-astensjoni tagħhom.

KWOTI TAL-ĦALIB

Il-Kunsill adotta b'maġġoranza kwalifikata¹ regolament li jimmodifika r-regolament "waħdieni dwar l-OKS"² biex jiżdedu l-kwoti nazzjonali tal-ħalib bi 2 % fis-sena tal-ħalib li jmiss li tibda fl-1 ta' April 2008 (6757/08).

Konsegwentement, il-kwoti nazzjonali għall-ħalib għas-seba' perijodi ta' tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' April 2008 huma kif ġej:

Stat Membru	Kwantitajiet (<i>tunnellati</i>)
Belġju	3 427 288,740
Bulgarija	998 580,000
Repubblika Ċeka	2 792 689,620
Danimarka	4 612 619,520
Ġermanja	28 847 420,391
Estonja	659 295,360
Irlanda	5 503 679,280
Greċja	836 923,260
Spanja	6 239 289,000
Franza	25 091 321,700
Italja	10 740 661,200
Ċipru	148 104,000
Latvja	743 220,960
Litwanja	1 738 935,780
Lussemburgu	278 545,680
Ungerija	2 029 861,200
Malta	49 671,960
Olanda	11 465 630,280
Awstrija	2 847 478,469
Polonja	9 567 745,860
Portugall	1 987 521,000
Rumanija	3 118 140,000
Slovenja	588 170,760
Slovakkja	1 061 603,760
Finlandja	2 491 930,710
Svezja	3 419 595,900
Renju Unit	15 125 168,940

¹ Id-delegazzjoni Ġermaniża u dik Awstrijaka vvotaw kontra u d-delegazzjoni Franċiża astjeniet u ħarġu dikjarazzjoni konġunta li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill. Il-Portugall ħareġ dikjarazzjoni individwali.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) fir-rigward tal-kwoti nazzjonali għall-ħalib.

Il-Kummissjoni daħħlet id-dikjarazzjoni li ġejja fil-minuti tal-Kunsill:

"Fil-kuntest ta' l-adozzjoni mill-Kunsill tal-proposta biex il-kwoti tal-ħalib jiżdiedu bi 2 % mill-1 ta' April 2008, il-Kummissjoni ser tieħu kont ta' dan inkluż tal-fatturi rilevanti l-oħrajn kollha, meta tkun qed tħejji l-proposti tagħha dwar il-Kontroll tas-Saħħa relatati mas-settur tal-prodotti tal-ħalib f'konnessjoni mad-diskussjoni dwar transizzjoni bla xkiel bi kwoti stabbiliti sa l-2014/15.

Barra mill-kwistjoni tal-kwoti, aspetti oħrajn bħas-super-imposta, il-korrezzjoni tax-xaħam, eċċ. huma elementi li jistgħu jiġu kkunsidrati.

F'konnessjoni ma' dan il-Kummissjoni tieħu nota tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar il-Kontroll tas-Saħħa li qed tiġi adottata f'din il-laqgħa tal-Kunsill, u b'mod partikolari tal-paragrafi 18 u 19."

Il-Parlament Ewropew ta' l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Marzu.

AFFARIJJET OĦRAJN

Negozjati ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha (DDA)

Il-Kummissarju Fischer-Boel irrapportat lill-Kunsill dwar il-kuntatti reċenti bilaterali u multilaterali, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku.

Il-Presidenza rringrazzjat lill-Kummissarju għall-aġġornament regolari u komprensiv tagħha lill-Kunsill dwar in-negozjati tad-WTO u fakkret fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2008¹.

Memorandum għall-inkoraġġiment ta' organizzazzjoni responsabbli tas-setturi agro-alimentari fl-interessi tal-bdiewa u l-konsumaturi.

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tad-delegazzjoni Franċiża tal-"Memorandum għall-inkoraġġiment ta' organizzazzjoni responsabbli tas-setturi agro-alimentari fl-interessi tal-bdiewa u l-konsumaturi" tagħha (5745/1/08 REVI).

Il-memorandum jappella għall-promozzjoni ta' **organizzazzjonijiet ta' produttori u organizzazzjonijiet interprofessjonali** sabiex isaħħu lis-setturi agrikoli individwali, biex dawn ikunu jistgħu jaffrontaw il-kompetizzjoni u l-instabbiltajiet tas-suq li qed jiżdiedu u biex titjieb l-organizzazzjoni tal-provvista. Għal dak il-għan huwa jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' regoli Komunitarji fil-forma ta' strumenti **legali u finanzjarji** xierqa għall-iżvilupp ta' dawk l-organizzazzjonijiet, fuq bażi volontarja.

L-awtoritajiet Franċiżi jissuġġerixxu li dawn l-ideat jingħataw forma Prattika bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament waħdieni dwar l-OKS², ibbażati fuq dawk fis-setturi tal-frott u l-ħaxix u ta' l-inbid.

¹ Ara wkoll l-istqarrija għall-istampa ta' l-10 ta' Marzu 2008 tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) dwar il-kwistjoni (7425/08)

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/07 tat-22 ta' Ottubru li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS), ĠU L 299, 16.11.2007, pp.

Organizzazzjoni aħjar ta' dawn is-setturi tkun waħda mit-tliet pilastri tal-politika l-ġdida għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji klimatiċi u/jew għas-saħħa ta' l-annimali appoġata minn Franza, waqt li ż-żewġ pilastri l-oħrajn huma ġestjoni Komunitarja ta' kriżijiet ta' natura sistemika u skemi ta' assigurazzjoni kkofinanzjati mill-Komunità biex ikopru riskji meħudin minn impriżi individwali.

Xi Stati Membri esprimew riżervi dwar l-approċċ propost¹ filwaqt li oħrajn appoġġaw l-orjentazzjoni ġenerali tal-memorandum bil-ħsieb li jkomplu d-diskussjonijiet.

Il-Kummissarju Mariann Fischer Boel indikat li hija kienet lesta li tgħin lill-bdiewa biex jaħdmu flimkien fejn xieraq, iżda ħadet approċċ aktar prudenti rigward il-kompetenza li għandha tingħata lill-organizzazzjonijiet interprofessjonali, ħlief f'każijiet limitati, nnegożjati b'attenzjoni, b'rispett debitu għall-kompetizzjoni u r-regoli tas-suq uniku.

Żvilupp futur tas-settur tan-ngħaġ - Talba mid-delegazzjoni Irlandiża

Il-Kunsill ħa nota ta' l-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Irlandiża, appoġġata mid-delegazzjoni Spanjola, Franċiża, Griega, Ungeriża, Ċiprijotta, Rumena, Pollakka u dik Litwana, rigward l-iżvilupp futur tas-settur tan-ngħaġ u mid-delegazzjoni Britannika dwar il-kwistjoni speċifika ta' l-identifikazzjoni elettronika (7291/08).

Is-Sinjura Fischer Boel stqarret li hija ma ssottovalutax it-tħassib li esprimiet id-delegazzjoni Irlandiża u tistudja l-mezzi adatti biex titratta l-kwistjoni, inkluża l-flessibbiltà miżjuda skond l-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 1782/2003.

Is-suq tal-laħam tal-majjal – talba mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Kunsill ħa nota tat-talba tad-delegazzjoni Pollakka, appoġġata mid-delegazzjoni Franċiża, Litwana, Awstrijaka, Latvjana, Ungeriża, Irlandiża, Griega, Rumena, Ċeka u Ċiprijotta, li ssejjaħ għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal-laħam tal-majjal.

¹ Partikolarment rigward il-kompatibilità tiegħu mal-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-istat u t-trasparenza.

Id-delegazzjoni UK esprimiet dubji dwar l-effiċjenza tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u kienet favur inizjattivi oħrajn minflok.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni tat informazzjoni aġġornata lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni fis-settur, li fl-opinjoni tagħha kienet miexja fit-triq it-tajba u konsegwentement ma kenitx teħtieġ aktar miżuri ta' appoġġ tas-suq f'dan l-istadju. Hija għamlet ukoll referenza reċiproka, appoġġata mid-delegazzjoni Britannika u dik Portugiża, għad-disponibbiltà ta' l-għalf u għall-GMOs.

Żieda fil-prezzijiet

Il-Kunsill ħa nota ta' l-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Griega, appoġġata minn Ċipru, dwar l-effetti negattivi taż-żieda reċenti fil-prezzijiet fuq materjali għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli (7605/08).

Il-Kummissarju Fischer Boel indikat li l-Kummissjoni kienet diġà pproponiet diversi miżuri, biex tittaffa s-sitwazzjoni, bħat-tnaqqis tar-rata ta' l-art imwarrba għal zero, is-sospensjoni temporanja ta' ċerti dazji fuq iċ-ċereali u ż-żieda bi 2 % tal-kwoti tal-ħalib li ġew miftiehma fl-istess Kunsill.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AGRIKOLTURA

Kittien u qanneb - Estensjoni ta' l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni

Il-Kunsill adotta regolament li jestendi, mill-1 ta' Lulju 2008, l-iskema ta' għajnuna għall-ipproċessar tat-tiben tal-kittien u tal-qanneb f'fibri (6152/08).

L-għajnuna għall-fibra twila tal-kittien ser tibqa' fil-livell attwali ta' EUR 160 għal kull tunnellata għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2008/2009 u ser tiżdied għal EUR 200 għal kull tunnellata mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010 'il quddiem.

L-għajnuna addizzjonali mogħtija lil dawk li jipproċessaw il-fibra twila tal-kittien f'żoni ta' produzzjoni tradizzjonali tal-Bleġju, Franza u l-Olanda ser tibqa' kif inhi matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2008/2009 (EUR 120 għal kull ettaru jew EUR 50 għal kull ettaru skond iż-żona tal-produzzjoni).

L-għajnuna għall-fibri qosra tal-kittien u l-qanneb ser tinżamm għal EUR 90 għal kull tunnellata.

Sabiex tiġi promossa l-produzzjoni ta' fibri qosra ta' kwalità għolja tal-kittien u l-qanneb, l-għajnuna tingħata għall-fibri li fihom massimu ta' 7,5% ta' impuritajiet u skald. Madankollu, l-istati membri jistgħu jidderogaw minn dan il-limitu u jagħtu għajnuna għall-ipproċessar għall-fibra qasira tal-kittien li fiha persentaġġ aktar għoli ta' impuritajiet.

Il-kwantità massima garantita għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni hija ta' 80 878 tunnellata għall-fibra twila tal-kittien u 147 265 tunnellata għall-fibra qasira tal-kittien u tal-qanneb.

Ir-regolament jemenda r-"Regolament Waħdieni dwar l-OKS" (regolament 1234/2007 dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni). L-ewwel organizzazzjoni tas-suq komuni għall-kittien u l-qanneb ġiet introdotta fl-1970.

Kontrolli Uffiċjali fuq l-Għalf u l-Ikel

Il-Kunsill adotta regolament li jikkompleta l-lista ta' territorji fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 882/2004 dwar kontrolli uffiċjali fl-għalf u l-ikel, sabiex jiġi inklużi l-Istati Membri l-ġodda li aderixxew għall-UE fl-2004 u fl-2007, rispettivament.

SAJD

Ftehim bejn l-UE u l-Kosta ta' l-Avorju dwar sħubija fis-sajd

Il-Kunsill adotta regolament li japprova l-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija fis-sajd mal-Kosta ta' l-Avorju (16680/07).

L-opportunitajiet ta' sajd, stabbiliti fi protokoll mehmuż għall-ftehim, ser jiġi allokat f'ost l-Istati Membri, retroattivament għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2013, kif ġej:

- 25 bastiment tas-sajd bit-tartaruni borża (purse seiners): Spanja (15-il bastiment) u Franza (10 bastimenti);
- 15-il bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ (surface longliners): Spanja (10 bastimenti) u Portugall (5 bastimenti).

Il-kontribut finanzjarju ta' l-UE jammonta għal EUR 455 000 kull sena, ekwivalenti għal tunnaġġ ta' referenza ta' 7 000 tonnellata kull sena, u ammont speċifiku ta' EUR 140 000 kull sena għas-sostenn u l-implimentazzjoni tal-politika tas-sajd tal-Kosta ta' l-Avorju.

Il-ftehim il-ġdid jissostitwixxi l-ftehim ta' l-1990 dwar is-sajd 'il barra mill-Kosta ta' l-Avorju.

Ftehim mal-Ginea Bissaw

Il-Kunsill adotta regolament li japprova l-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija fis-sajd mal-Ginea Bissaw (14394/07).

L-opportunitajiet ta' sajd, stabbiliti fi protokoll mehmuż għall-ftehim, ser jiġu allokati fost l-Istati Membri, retroattivament għall-perijodu mis-16 ta' Ġunju 2007 sal-15 ta' Ġunju 201, kif ġej:

- sajd għall-gambli: Spanja 1421 tunnellaġġ gross reġistrat (GRT), Italja 1776 GRT, Portugall 1066 GRT, Greċja 137 GRT;
- ħut tal-ġewnaħ/ċefalopodi: Spanja 3143 GRT, Italja 786 GRT, Greċja 471 GRT;
- bastimenti bit-tartarun u bastimenti bil-konz tal-wiċċ għas-sajd tat-tonn: Franza 9 bastimenti, Portugall 4, Spanja 10;
- bastimenti bil-qasab u x-xlief: Franza 4 bastimenti, Spanja 10.

Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għall-perijodu ta' erba' snin jammonta għal EUR 7 miljun kull sena.

POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

Kosovo - grupp ta' ppjanar ta' l-UE

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u possibbilment f'oqsma oħrajn fil-Kosovo

L-azzjoni konġunta testendi l-mandat ta' l-EUPT Kosovo sa l-14 ta' Ġunju 2008 u temendah biex l-istati terzi mistiedna jiġu permessi jiskjeraw persunal issekondat lill-EUPT Kosovo, dment li jħallsu l-ispejjeż tal-persunal issekondat minnhom.

Fl-4 ta' Frar 2008 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-missjoni għall-istat tad-dritt ta' l-UE fil-Kosovo, EULEX Kosovo, li tipprovdi inter alia biex l-EUPT Kosovo taġixxi bħala l-element prinċipali ta' ppjanar u tħejjija għall-EULEX Kosovo u għall-EUPT Kosovo biex tkun responsabbli għar-reklutaġġ u l-iskjerar ta' persunal u l-akkwist ta' tagħmir.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata ma' l-EUPT Kosovo ser ikun ta' EUR 79,5 miljun.

L-Unjoni tal-Komoros - Miżuri restrittivi

Il-Kunsill adotta regolament li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward ta' l-awtoritajiet illegali tal-gżira ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros (7111/08).

Ir-regolament huwa meħtieġ sabiex jiġu implimentati, taħt il-liġi Komunitarja, il-miżuri restrittivi stabbiliti bil-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK.

B'segwitu għat-talba ta' l-Unjoni Afrikana, fit-3 ta' Marzu 2008 l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK, li tipprovdi għal projbizzjoni tal-viża u ffriżar ta' l-assi fir-rigward tal-membri tal-gvern illegali ta' Anjouan u persuni assoċjati.

L-Unjoni Afrikana talbet l-appoġġ ta' l-UE għas-sanzjonijiet li l-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà ta' l-Unjoni Afrikana ddeċieda li jimponi fuq l-awtoritajiet illegali ta' Anjouan fl-10 ta' Ottubru 2007, wara l-elezzjonijiet presidenzjali li saru hemmhekk f'kondizzjonijiet mhux sodisfaċenti.

Promozzjoni tal-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' l-armi bejn pajjiżi terzi

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta dwar appoġġ għall-attivitajiet ta' l-UE sabiex issir promozzjoni tal-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' l-armi u l-prinċipji u l-kriterji tal-kodiċi ta' kondotta ta' l-UE dwar l-esportazzjoni ta' l-armi bejn pajjiżi terzi (7270/08).

L-oġġettivi ġenerali ta' l-azzjoni konġunta huma li ġejjin:

- li tippromwovi l-kriterji u l-prinċipji tal-kodiċi ta' kondotta ta' l-UE dwar l-esportazzjoni ta' l-armi bejn pajjiżi terzi;
- li tassisti pajjiżi terzi fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni biex jiġi żgurat kontroll effettiv ta' l-esportazzjoni ta' l-armi;
- li tassisti pajjiżi fit-taħriġ ta' uffiċjali ta' liċenzjar biex jiġu żgurati implimentazzjoni u infurzar adegwati tal-kontrolli ta' l-esportazzjoni ta' l-armi;
- li tassisti pajjiżi fl-elaborazzjoni ta' rapporti nazzjonali dwar l-esportazzjoni ta' l-armi u l-promozzjoni ta' forom oħra ta' skrutinju sabiex tiġi promossa t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-esportazzjoni ta' l-armi;
- li tinkoraġġixxi pajjiżi terzi jappoġġaw il-proċess tan-NU bil-għan li jiġi adottat trattat internazzjonali li jorbot u li jistabbilixxi standards komuni għall-kummerċ dinji f'armi konvenzjonali, u li tassisti fl-iżgurar li dawn ikunu f'pożizzjoni biex jikkonformaw ma' tali standards komuni possibbli.

Ir-referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti li jgħinu dawn l-oġġettivi tammonta għal EUR 500 500, li għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-UE.

Il-kodiċi ta' kondotta ta' l-UE dwar l-esportazzjoni ta' l-armi ġie adottat mill-Kunsill fl-1998 u jistipula tmien kriterji għall-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali, jistabbilixxi mekkaniżmu ta' notifika u konsultazzjoni għal każdiet u jinkludi proċedura ta' trasparenza permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapporti annwali ta' l-UE dwar l-esportazzjoni ta' l-armi.

Afganistan - Missjoni tal-pulizija ta' l-UE (EUPOL AFGHANISTAN)

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta li temenda l-azzjoni konġunta 2007/369/PESK dwar l-istabbiliment tal-missjoni tal-pulizija ta' l-UE fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN)

L-azzjoni konġunta testendi mid-29 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2008, l-ammont ta' referenza finanzjarja ta' l-EUPOL AFGHANISTAN sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni. Huwa stabbilit għal EUR 43,6 miljun.

L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-kumplement tas-sena 2008, kif ukoll għas-snin 2009 u 2010, ser jiġi deċiż mill-Kunsill fi stadju aktar tard.

L-EUPOL AFGHANISTAN, varata fil-15 ta' Ġunju 2007, timmira għal kontribuzzjoni fl-istabbiliment ta' proprjetà Afgana ta' arranġamenti sostenibbli u effettivi ta' pulizija ċivili li jiżguraw azzjoni reċiproka xierqa mas-sistema tal-ġustizzja kriminali aktar wiesgħa. Barra minn hekk il-missjoni tappoġġa l-proċess ta' riforma lejn servizz tal-pulizija fdat u effiċjenti li jaħdem f'konformità ma' standards internazzjonali, fi ħdan il-qafas ta' l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

Għal aktar informazzjoni ara l-istqarrija għall-istampa 10939/07.

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali – Finlandja

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-ħatra ta' KPMG Oy Ab bħala l-awditur estern tal-Bank tal-Finlandja (Suomen Pankki) għas-snin finanzjarji 2008 sa 2012 (6347/08).

POLITIKA SOĊJALI

Sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tista' tinstab fi [6941/08](#).

UNJONI DOGANALI

Sistema ta' eżenzjonijiet minn dazji doganali – Modifiki

Il-Kunsill adotta regolament bil-ksieb li tittejjeb is-sistema ta' l-UE ta' eżenzjonijiet minn dazji doganali.

Ir-Regolament Nru 918/83 li jistabbilixxi s-sistema ta' l-UE ta' eżenzjonijiet doganali jistabbilixxi l-każijiet li fihom għandhom jingħataw eżenzjonijiet mid-dazji meta oġġetti jiġu importati fl-UE (rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa) jew esportati minnha.

Dan ir-regolament ser jiġi emendat, mill-1 ta' Diċembru 2008, sabiex:

1. jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' miżuri komuni għad-difiża tal-kummerċ oġġetti li jibbenefikaw mis-sistema ta' eżenzjonijiet doganali.

L-oġġetti importati taħt l-eżenzjoni mid-dazji tat-tariffi doganali komuni x'aktarx li ma jkollhomx effetti ta' ħsara sinifikanti fuq l-industrija Komunitarja, meta jitqiesu r-restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-kwantitajiet jew il-valuri importati, l-użu tagħhom u/jew il-kontrolli doganali ta' wara l-importazzjoni.

2. jiġu esklużi mis-sistema l-importazzjonijiet ta' affarijiet tad-dar għat-tagħmir ta' residenza sekondarja fl-UE bil-ksieb li jiġu eliminati l-piżijiet amministrattivi għall-persuni li jimpurtaw u għall-amministrazzjonijiet doganali.

3. jiżdied il-limitu għall-konsenji ta' valur negliġibbli minn EUR 22 sa EUR 150.

Il-limitu ta' valur ma ġiex aġġustat sa mill-1991 waqt li d-dazji doganali tnaqqsu b'mod sinifikanti jew anke tneħħew għall-istess perijodu.

4. jitneħħew id-dazji fuq l-importazzjoni ta' oġġetti li jinsabu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi li ġejjin minn pajjiż terz, sakemm dawn l-importazzjonijiet huma eżentati minn taxxa fuq il-valur miżjud taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali (skond id-Direttiva 2007/74/KE).

Rata fuq l-oġġetti li jinsabu f'konsenji jew fil-bagalji ta' vjaġġaturi

Il-Kunsill adotta regolament li jaġġusta r-rata fuq l-oġġetti li jinstabu f'konsenji mibgħuta minn individwi privati jew fil-bagalji ta' vjaġġaturi (6851/08).

Ir-reglament jiffissa, mill-1 ta' Diċembru 2008, id-dazji doganali li għandhom jiġu imposti fuq oġġetti li jinsabu f'konsenji mibgħuta minn individwu privat għall-ieħor, jew li jinsabu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi, frata fissa ta' 2,5 % *ad valorem*, dment li tali importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

Din ir-rata fissa ser tapplika dment li l-valur intrinsiku ta' l-oġġetti soġġetti għad-dazju fuq l-importazzjoni ma jeċċedix EUR 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

Mill-1997 r-rati tad-dazju doganali għall-oġġetti importati minn vjaġġaturi fil-bagalji personali tagħhom jew mibgħuta f'konsenji żgħar lil individwi privati kienu 3,5 %, u l-limitu EUR 350.

Ir-regolament jemenda r-Regolament Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

TRASPORT

Ftehim dwar servizzi ta' l-ajru mal-Marokk

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni ta' ftehim mal-Marokk dwar servizzi ta' l-ajru mal-Marokk.

Huwa adotta wkoll deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni ta' protokoll li jemenda dan il-ftehim sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-UE.

Il-ftehim huwa r-riżultat tan-negożjati mmexxija mill-Kummissjoni taħt mandat mogħti mill-Kunsill f'Ġunju 2003 bil-ħsieb li l-ftehim bilaterali eżistenti ta' l-avjazzjoni ta' l-Istati Membri jinġiebu f'konformità mal-liġi Komunitarja.

POLITIKA KUMMERĊJALI

Ukraina – Dazji fuq l-esportazzjoni

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni ta' ftehim ma' l-Ukraina bil-ħsieb li jiġu eliminati d-dazji fuq l-esportazzjoni kollha mad-dħul fis-seħħ ta' ftehim bilaterali futur dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles (FTA) UE-Ukraina, li għandu jiġi negożjat wara l-adeżjoni ta' l-Ukraina ma' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (6402/08).

Ilhom għaddejjin negożjati minn Marzu 2007 għal ftehim imtejjeb ġdid bejn l-UE u l-Ukraina biex jissostitwixxi s-sħubija u l-ftehim ta' kooperazzjoni ta' l-1998.

Huwa maħsub li l-ftehim imtejjeb għandu jipprovdi l-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles fonda u komprensiva, bħala element ċentrali tal-ftehim imtejjeb, wara l-adeżjoni ta' l-Ukraina mad-WTO.

Miżuri anti-dumping (kumpressuri – kokk tal-faħam - urea - boroż tal-plastik)

Il-Kunsill adotta r-regolamenti:

- li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti kompressuri li joriġinaw miċ-Ċina (7090/08).
- li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam f'biċċiet b'dijametru ta' aktar minn 80 mm (Kokk 80+) li joriġina miċ-Ċina (6670/08)

- li jirrevoka d-dazju anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina, wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 384/96 (6760/08)
- li jemenda r-regolament 1425/2006 li jimponi dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fiċ-Ċina u fit-Tajlandja (7133/08).

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja - Miżuri restrittivi

Il-Kunsill adotta, bi proċedura bil-miktub fit-13 ta' Marzu 2008, pożizzjoni komuni li testendi għal 12-il xahar, sas-16 ta' Marzu 2009, il-pożizzjoni komuni 2004/293/PESK dwar miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) (6927/08).

Il-miżuri huma maħsuba biex jipprevjenu d-dħul fl-UE ta' persuni li huma impenjati f'attivitajiet li jgħinu persuni maħrubin biex ikomplu jevadu l-ġustizzja għal reati kriminali li l-ICTY akkużathom bihom jew li huma xorta oħra qed jaġixxu b'mod li jista' jostakola lill-ICTY fl-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tagħha. Il-lista ta' persuni, li tfasslet għall-ewwel darba f'April 2003, issa tinkludi 42 persuna soġġetti għal projbizzjoni fuq l-ivjaġġar.
